biss ta' thejjija mill-għaxar xhur tas-sena skolastika kollha.

Meta tqis dawn il-fatturi kollha li semmejna, inħossu l-bżonn urġenti li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u d-Dipartiment tal-Malti ta' l-Università jaħdmu id f'id u jpoġġu rashom flimkien biex mill-aktar fis jirranġaw din is-sitwazzjoni. Skond il-fehma tagħna u tal-maġġoranza assoluta tal-għalliema tal-Malti li lmentaw magħna dwar dan, l-ideali huwa li dan l-eżami **jerġa' jibda jingħata mill-ħames klassi kif kien isir qabel** bis-sillabu mifrux fuq ir-raba' u l-ħames klassi. B'dan il-mod, l-istudenti jkunu immaturaw ruħhom aktar. F'każ li dan ma jistax isir, allura **jibqa' jingħata mir-raba' klassi bis-sillabu mifrux fuq it-tielet u r-raba'**, ngħidu aħna żewġ kotba f'sena u żewġ kotba fis-sena ta' wara. Barra minn dan il-lum spiċċa ż-żmien li tagħti klassi tal-Matrikola lil għalliema mingħajr thejjija akkademika serja fl-Università. Il-lum l-eżami tal-Matrikola jitlob għalliema mħarrġa sewwa u bl-esperjenza lingwistika u letterarja, għax inkella jsibuha impossibbli jhejju sewwa u kif jixraq lill-istudenti tagħhom għal dan l-eżami.

Wara li għedna dan kollu, nappellaw bil-qawwa kollha lill-awtoritajiet konċernati biex jagħtu l-piż mistħoqq lis-suġġerimenti tagħna u jattwawhom mill-aktar fis possibbli, għall-ġid ta' l-istudenti u ta' l-Ilsien Malti. B'hekk it-thejjija għal dan l-eżami ssir ħafnà aħjar, tonqos it-tensjoni fuq l-istudenti, u fuq kollox, l-eżaminaturi tal-matrikola fir-rapport tagħhom, ma jibqgħux aktar, ta' kull sena jilmentaw u bir-raġun, bil-livell baxx ta' l-istudenti li jersqu għal dan l-eżami.

L-Editur

## POESOFIJA

Li kieku kelli naħseb
li meta nkun qed naħseb
fix-xejn
li jsawwar lili
mix-xejn,
inkun qed naħseb
għalxejn,
u naħli ħini
fix-xejn
bla siwi
ta' xejn –
ma kontx inkun qed naħseb
għajr li kont inkun naħseb
li mhux ma jiena xejn
filwaqt li ma jien xejn.
U aktar dan ma naħseb,
inkun aktar nistqarr
mingħajr ma rrid
bħal moħħ marid:
li jien
fil-ħaqq u s-sewwa
ma jiena xejn,
xejn... xejn...

1.5.85

**p. Alfred M. Previ**

# Il-Mara fir-Rumanz *San Ġwann*

Fir-rumanz-storiku San Ġwann għandna ppreżentat b'mod melodrammatiku l-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin, il-Malti tajjeb u aktarx passiv kontra l-barrani korrott u aktar attiv bl-intriċċi tiegħu. Il-ġrajja tar-rumanz hija msejsa fuq sfond storiku immaġinattiv madwar il-persuna ta' tfajla, Mariroż, li hija l-karattru femminili prinċipali li mħabba f'li ġibdet lejha żewġ żgħażagħ, tat il-possibiltà għall-iżvilupp tar-rumanz.

Iżda ftit insiru nafu dwar Mariroż u ftit anqas dwar in-nisa l-oħra li jidhru fir-rumanz. Bħall-karattri oħra ftit li xejn joħroġ dwar id-dehra fiżika tal-persunaġġ u ferm anqas dwar il-kwalitajiet morali u psikoloġiċi. Il-ftit indikazzjonijiet li jagħti l-awtur iservu biss bħala riflessjoni, jew mera, tal-ħsieb tal-persunaġġ. Dan għaliex f'*San Ġwann*, li huwa rumanz relattivament qasir, il-karattri huma aktar sterjotipati minn ħaġa oħra. Għandhom parti definita fl-avventura romantika. Għalhekk irridu naħsbu dwarhom f'dan is-sens.

F'*San Ġwann* il-karattri femminili huma ħamsa u, neħħi 'l Mariroż, l-eroina li trid tbati sakemm ir-rota ddur, u 'l Karla s-Sardiniża, il-mara mxierka mal-ħażen, ma nsibux li l-oħrajn għandhom xi parti li permezz ta' l-azzjoni tagħhom iwasslu biex jiġbdu simpatija partikulari lejhom jew juru li kapaċi jieħdu deċiżjonijiet kontra t-*tip* li huma nħalqu biex jirrappreżentaw. F'dan is-sens jidhru oħt Dun Naz Abela u bint Luqa Ciantar, li mhux biss m'humiex karattri żviluppati iżda anqas jieħdu sehem.

Mingħajr isem ukoll tibqa' l-ewwel mara li tissemma fir-rumanz: il-mara tan-naġġar Fantin Attard (li kienu joqogħdu f'Tas-Samra). Il-ħtieġa ta' tabib jew qassis għal din il-mara li kienet marida, wasslet għall-jasar ta' Fantin. (I, 6-7)[1] Il-mewt tagħha fil-lejla tal-festa ta' l-elezzjoni ta' La Cassiere wasslet biex bintha ssib min iħenn għaliha u biex ikollha min jieħu ħsieb il-funeral ta' ommha. (I, 13-14) Iċ-ċokon tar-rumanz ma jippermettix li juri minn xiex kienet għaddiet dil-mara – jgħid biss li kienet għadha fl-aħjar tagħha meta mietet. Iżda f'dil-mara tar-raħal, fis-skiet tagħha, l-awtur diġà qed joħloq allegorija tal-poplu li bata u li fl-istorja soċjali tiegħu huwa l-karattru prinċipali, għalkemm mhux dominanti, li bata wisq u bosta drabi baqa' mwarrab u minsi.

Iż-żewġ nisa l-oħra huma aktarx bħal krozzi li l-awtur jinqeda bihom biex jiżviluppa l-azzjoni romantika. It-tnejn huma marbutin ma' Mariroż li wara l-mewt ta' ommha donnha tinsa kompletament dwar x'seta' għadda mingħalih missierha. Bint Luqa Ciantar, tidher biss bħala l-ħabiba ta' Mariroż. Tissemma biex Mariroż tidher tiċċa-

1. Din u riferenzi oħra bħalha huma għat-Taqsima u l-Kapitlu/i tar-rumanz.